Government of South Australia

# Iċ-Ċarter Multikultural ta' South Australia

L-*Att Multikulturali ta' South Australia tas-sena 2021* jistabilixxi bil-quddiem il-multikulturaliżmu u l-interkulturaliżmu u jipprovdi ċ-Carter Multikultural ta' South Australia (iċ-Ċarter). Dan iċ-Ċarter ser jipprovdi viżjoni u gwida għall-aġenziji, organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet, negozji u komunitajiet ta' South Australia bħala pedament għall-iżvilupp tal-policy u d-disinn u t-twassil tas-servizzi tagħhom ta' South Australia kollha.

**Iċ-Ċarter Multikulturali ta' South Australia jirrikonoxxi:**

- Persuni Aboriġeni u Sidien Tradizzjonali u l-okkupanti tal-art u l-ilmijiet f'South Australia li jkomplu jżommu u jiżviluppaw it-twemmin u wirt kulturali tagħhom bħala l-itwal kultura ħajja u diversa, b'rwol sinifikanti storiku u kontinwu bħala l-popli tal-Ewwel Nazzjonijiet f'South Australia.
- Is-suċċessi u l-isfidi tal-ġenerazzjonijiet li ġew qabilna u li, flimkien mal-komunitajiet ġodda u emerġenti, jgħinu jifformaw l-identità ta' South Australia.

**Dan iċ-Ċarter hu għar-residenti kollha ta' South Australia u jimmira li:**

- jikkonettja l-komunità tagħna permezz ta' rikonoxximent tad-diversità kulturali, lingwistika, razzjali u reliġjuża.
- joħloq ambjent li fih wieħed jista' jesprimi b'mod attiv, jiskambja l-għarfien, ideat u perspettivi biex ir-residenti kollha ta' South Australia jiżviluppaw fehim u rispett aktar fond għar-rkikezza u l-valur tad-diversità tagħna.
- jipprovdi pedament għall-iżvilupp tal-policies multikulturali u t-twassil tas-servizzi li minnhom jibbenifikaw il-komunitajiet tagħna u jwasslu għall-avvanz tal-Istat tagħna.
- jinkoraġġixxi li l-postijiet tax-xogħol u komunitajiet ikunu inklussivi u kontabbli għar-residenti kollha ta' South Australia.

## Prinċipji taċ-Ċarter

Iċ-Ċarter Multikulturali ta' South Australia jistabilixxi l-prinċipji li bihom r-residenti kollha ta' South Australia:

1. Jirrikonoxxu, jirrispettaw u japprezzaw id-diversità u l-kontribuzzjoni kulturali, lingwistika, razzjali u reliġjuża li għamlu u jkomplu jagħmlu, fl-Istat tagħna.
2. Huma mħeġġa jieħdu sehem fl-iskambju reċiproku tal-għerf u l-fehim tad-diversità tagħna kulturali, lingwistika, razzjali u reliġjuża.
3. Huma kapaċi jgħixu, jaħdmu u jistudjaw biex jiffjorixxu fl-aspetti kollha tal-ħajja f'soċjetà koesiva.
4. Ikollhom id-dritt għal rispett, fehim, ġustizzja, sigurtà u libertà reċiproka mid-diskriminazzjoni bbażata fuq l-isfond kulturali, lingwistiku, razzjali u reliġjuż tagħhom.
5. Ikunu b'mod legali jistgħu jżommu, jesprimu, jipprattikaw u jiċċelebraw d-diversità kulturali, lingwistika u reliġjuża tagħhom.
6. Ikollhom aċċess ekwu għall-opportunitajiet u servizzi li jissapportjaw il-parteċipazzjoni fil-ħajja edukattiva, soċjali, kulturali, ekonomika u politika tal-Istat tagħna.

Honourable Peter Malinauskas MP
Premier of South Australia

Honourable Zoe Bettison MP
Minister for Multicultural Affairs

Damien Walker
Chief Executive
Department of the Premier and Cabinet

Il-Kummissjoni Multikulturali ta' South Australia hi rikonoxxuta għall-kontribuzzjoni tagħha għall-iżvilupp taċ-Ċarter Multikulturali ta' South Australia.